**NOMINA TAL-PROFESSUR STEPHEN MONTEFORT GĦALL-ĦATRA TA' KUMMISSARJU GĦOLI GĦAR-RENJU UNIT**

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

1. X'taħseb li huma l-isfidi li għandu r-Renju Unit? U kif qiegħed tara dawn l-isfidi jiġu indirizzati f'dan il-pajjiż? X'inhuma l-binarji, b'mod ġenerali, li beħsiebek taħdem fuqhom f'każ li tinħatar Kummissarju Għoli?

   Preżentament l-iktar affarijiet li qed jinkwetaw kemm lill-gvern u kemm lill-poplu tar-Renju Unit huma:

   A) **L-għoli tal-ħajja u l-inflazzjoni**: il-pagi taċ-ċittadini tar-Renju Unit ilhom kważi fl-istess livell mill-kriżi finanzjarja tal-2008 'l hawn u għall-ewwel darba mill-1950 'l hawn il-'household disposable income' qed jonqos bejn elezzjoni u oħra. Dawk li jaqalgħu paga medja huma ifqar mill-maġġoranza ta' ħaddiema Ewropej tal-istess faxxa ta' dħul. Anke jekk hu proġettat li l-inflazzjoni ser taqa' minn 7.3% fl-2023 għal 2.5% fl-2024 iċ-ċittadin ordinarju qed ibati biex ilaħħaq mal-għoli tal-ħajja.

   B) **Ekonomija:** Mill-pandemija tal-COVID-19 'l hawn l-ekonomija tar-Renju Unit hija l-iktar batuta mill-pajjiżi tal-G7, ħlief għall-Ġermanja. Imma jidher li din qed tirkupra anke jekk ma kienx hemm tkabbir fl-aħħar żewġ kwarti tal-2023 u li fi Frar 2024 tħabbret riċessjoni. Din tidher li ser tkun waħda kajmana u mhix fit-tul. Infatti l-GDP għola minn 0.1% fl-2023 għal 0.5% fl-ewwel nofs tal-2024. Il-Gvern Konservattiv, biex ipatti għall-fatt li n-nies mhux qed jonfqu daqshekk flus, kien qed jipproponi tnaqqis fit-taxxa u l-assikurazzjoni nazzjonali. Mhux in-nies ordinarji biss ma kinux qed jonfqu u jinvestu imma anke kumpaniji u għalhekk il-gvern hawn ukoll naqqas it-taxxi u ppremja lil min investa fit-teknoloġija ħadra. Problemi oħra li qed jaffetwaw l-ekonomija huwa l-istat ħazin tal-livell tal-edukazzjoni fejn fi studju tal-OECD studenti Ingliżi ġew fis-26 post minn 65 pajjiż fl-għarfien tal-matematika. Ovvjament l-effett tal-Brexit għadu qed jinħass bl-esportazzjoni ta' oġġetti mir-Renju Unit lejn l-Ewropa tonqos b'madwar 13% imma din qed titpatta parzjalment b'żieda f'esportazzjoni ta' servizzi u esportazzjoni lejn partijiet oħra tad-dinja.

   C) **Sistema tas-Saħħa:** l-NHS qiegħda fi kriżi kbira għax kibret ħafna d-domanda waqt li naqsu relattivament l-impjegati u s-sostenn finanzjarju f'dan is-settur tant importanti. L-NHS li kienet il-ġojjell tar-Renju Unit u li sawret sistemi tas-saħħa simili mad-dinja kollha, inkluż f'pajjiżna, tinsab mifnija bi strajks tat-tobba u infermiera u listi ta' stennija twal ħafna. Il-gvern wiegħed li ser jitfa' iktar fondi f'dan is-settur biex joħloq iktar impjiegi b'kundizzjonijiet tajba u infrastruttura aħjar.

   D) **Migrazzjoni:** Ir-Renju Unit qed jirċievi ħafna immigranti irregolari li jaqsmu bid-dgħajjes mill-Ewropa u dan barra minn madwar 1.2 miljun persuna li jidħlu kif suppost. Meta wieħed inaqqas dawk li jemigraw 'il barra mill-pajjiż, jidħlu madwar 685,000 migranti ġodda fis-sena ġor-Renju Unit. Il-problemi jinqalgħu meta dawn ma jintegrawx fis-soċjetà minħabba problemi ta' lingwa u kultura, ta' ħajja u etika ta' xogħol differenti minn dik Brittanika. Il-Gvern Konservattiv kien qed jipproponi l-liġi l-Rwanda biex jipprova jnaqqas dawn in-numri ta' immigranti irregolari imma kien qed isib

resistenza kbira minn ħafna lati. Il-Gvern il-ġdid Laburista ser ineħħi din il-liġi kontroversjali.

E) **Difiża u Sigurtà:** Il-Ministeru tad-difiża Brittaniku qal li r-riskju ta' eskalazzjoni nukleari qatt ma kien daqshekk għoli minn żmien it-tmiem tal-gwerra bierda 'l hawn. Ir-relazzjonijiet bejn is-superpotenzi fid-dinja ddeterjoraw ħafna fl-aħħar sentejn mill-bidu tal-gwerra bejn ir-Russja u l-Ukrajna u l-affarijiet ma jidhrux li ser imorru għall-aħjar fil-futur qarib. Dan kollu qed jinkwieta lill-Gvern u lill-poplu Brittaniku kif qed jinkwieta wkoll lill-poplu tagħna. L-unika konsolazzjoni hi li din il-gwerra saħħet l-alleanzi bejn il-pajjiżi tal-G7 u bir-rwol importanti ta' Malta fil-Kunsill tas-sigurtà tal-Ġnus Maqgħuda aħna nistgħu nużaw l-influwenza tagħna biex nippromwovu atti umanitarji u l-paċi bejn in-naħat konċernati f'dan il-perjodu tant delikat.

Il-fatt li din ir-risposta qed tinkiteb lejliet u l-għada t'elezzjoni ġenerali fir-Renju Unit taf tfisser li l-gvern il-ġdid jaf jipprova jirranġa l-affarijiet b'mod ieħor.

Bħala Kummissarju Għoli nixtieq li nsaħħaħ il-kollaborazzjoni eċċellenti li diġà hemm bejn Malta u r-Renju Unit fl-oqsma ta' kummerċ kemm ta' oġġetti, materjali eċċ u anke ta' servizzi. Dan nistgħu nagħmluh billi nsaħħu u nikkonsolidaw fejn diġà qed ngħinu lil xulxin u billi noħolqu niċeċ ġodda ta' negozju. Naf li hemm kollaborazzjoni sħiħa f'għajnuna ta' kif wieħed jista' jikkontrolla l-immigrazzjoni irregolari fejn pajjiżna għandu ħafna esperjenza f'dan il-qasam. Naf ukoll li waqt it-terminu ta' Malta bħala membru tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Magħquda saru diversi diskussjonijiet bilaterali fuq suġġetti bħal sigurtà, difiża u immigrazzjoni f'dak l-isfond.

2. Bħala Kummissarju Għoli, kif tara li x-xogħol tiegħek jista' jwassal sabiex jiżdiedu u jitjiebu r-rabtiet politiċi u soċjali bejn ir-Renju Unit u Malta rispettivament? Liema taħseb li huma l-isfidi prinċipali li għandna negħlbu sabiex insaħħu r-relazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi?

Jien ser nagħmel kull sforz biex inservi ta' pont bejn il-Gvern Malti, il-Kabinett tal-Ministri u diversi organizzazzjonijiet mas-sorsi Diplomatiċi Brittaniċi biex nippruvaw negħlbu kwalunkwe diffikultà li tista' tinqala' fir-relazzjonijiet politiċi u soċjali ta' bejn iż-żewġ pajjiżi. Qed nippjana li jekk niġi kkonfermat Kummissarju Għoli nagħmel diversi laqgħat mal-ministeri, għaqdiet, korpi kostitwiti, unions eċċ, qabel ma' nieħu posti ġo Londra, biex nippjana kif nista' nkun ta' għajnuna u punt ta' kuntatt bejnhom u l-kollegi tagħhom ġor-Renju Unit.

Hemm ħafna rabtiet antiki u speċjali bejn iż-żewġ naħat li nistgħu nkomplu nsaħħu u fost dawn huwa l-fatt li t-tnejn li aħna membri tal-Commonwealth. Nistgħu nużaw dir-rabta komuni biex Malta tkun tista' sservi ta' punt fokali bejn il-Commonwealth u l-Unjoni Ewropea f'ċerti ċirkustanzi jew opportunitajiet li jistgħu jinqalgħu minn żmien għall-ieħor. Il-fatt li is-sede tal-Commonwealth tinsab ġo Londra, tagħmilha iktar faċli li wieħed jikkordina l-ħidma bejn l-istess Commonwealth u l-Minsteru tal-Affarijiet Barranin f'Malta biex tkompli tissaħħaħ l-attività ta' Malta fi ħdan il-pajjiżi tal-Commonwealth.

3. X'taħseb li huma n-niċeċ ekonomiċi u turistiċi li nistgħu nsibu sinerġiji fuqhom bejn Malta u r-Renju Unit? Kif tara li għandna nsaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi?

   Il-kummerċ bejn iż-żewġ pajjiżi tagħna huwa b'saħħtu u qiegħed dejjem jiżdied. Fl-2023, ir-Renju Unit esporta b'1.6 biljun lira sterlina lejn Malta bejn oġġetti (żieda ta' 5.4% mill-2022) u servizzi (żieda ta' 40.4%) filwaqt li Malta esportat lejn ir-Renju Unit b'1.2 biljun lira sterlina bejn oġġetti (nuqqas ta' 25.9% mill-2022) u servizzi (żieda ta' 24.3%). Fost l-iktar oġġetti li Malta esportat lejn ir-Renju Unit kien hemm prodotti farmaċewtiċi u mediċini, żejt raffinat, apparat elettroniku, ikel u oġġetti oħra manifatturati. Peress li kien hemm nuqqas ta' oġġetti esportati fl-2023 wieħed irid jinvestiga għalfejn u jirsisti biex jerġa jirbaħ dat-telf li probabbilment huwa parzjalment minħabba l-effett ta' Brexit fejn kumpaniji Maltin qed jiffaċċjaw iktar spejjeż biex jintroduċu l-prodott tagħhom ġewwa r-Renju Unit. It-turiżmu (539,131 turist Brittaniku ġew Malta fl-2023), it-trasportazzjoni, telekomunikazzjoni u servizzi finanzjarji kienu fost l-iktar servizzi li r-Renju Unit xtara minn Malta u għandna nagħmlu minn kollox biex inkomplu nżidu d-domanda li hemm għal dawn is-servizzi Maltin mill-poplu Brittaniku. Wieħed jista' jipprova jżid turiżmu ta' kwalità f'oqsma bħas-safar għall-istorja, kultura, sport u gastronomija li jservu biex iktar flus jintefqu f'pajjiżna mit-turisti Britanniċi 'per capita'. Servizzi oħra bħall-industrija taċ-ċinematografija u l-'Fintech', li huwa b'saħħtu ħafna ġor-Renju Unit, huma niċeċ oħra li għandna nsostnu u niżviluppaw. Nistgħu wkoll nippruvaw nattrattaw ditti tas-servizzi finanzjarji Brittaniċi li qed ifittxu bażi ġo pajjiż Ewropew, biex jiftħu ġo Malta.

   Jekk ningħata l-fiduċja tagħkom jien nixtieq nuża r-rwol tiegħi bħala Kummissarju Għoli biex nippromwovi lil pajjiżi kemm niflaħ biex ninkoraġixxi iktar kummerċ u turiżmu lejn Malta mill-investituri u n-nies Brittaniċi.

4. Taħseb li hemm lok għal iżjed koperazzjoni fil-qasam tax-xjenza u tal-mediċini bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi?

   Ir-rabtiet xjentifiċi bejn Malta u r-Renju Unit imorru lura ħafna żmien u huma b'saħħithom speċjalment għax diversi speċjalisti Maltin ħallew impressjoni eċċellenti waqt l-istudji u t-taħriġ tagħhom ġor-Renju Unit. Kemm dawk li baqgħu hemm u kemm dawk li ġew lura diġà huma u jistgħu jkomplu jkunu ta' sostenn kbir biex inkomplu nkabbru dir-relazzjoni fil-qasam tax-xjenza. Din tista' twassal biex dis-sħubija nsarrfuha fil-qasam tar-riċerka f'ħafna oqsma xjentifiċi b'applikazzjonijiet flimkien għal grants minn awtoritajiet Brittaniċi bħall-Commonwealth Fund for Technical Co-operation (CFTC) u bil-ħila li Malta hija membru tal-Unjoni Ewropea, għal grants tax-xjenza Ewropej bħal 'Horizon Europe'. Dan kollu jista' jwassal għal qsim ta' għarfien xjentifiku bejn iż-żewġ pajjiżi u anke lejn opportunitajiet ġodda ta' taħriġ fix-xjenza u t-teknoloġija. Hemm lok ukoll fejn wieħed jesplora possibilitajiet ta' konsultazzjoni, kollaborazzjoni u ġemellaġġ mad-diversi mużewijiet tax-xjenza ġor-Renju Unit, inkluż dak ta' Londra biex potenzjalment noħolqu mużew tax-xjenza f'pajjiżna. Dan jista' joħloq opportunitajiet għal karrieri fix-xjenza, l-inġinerija, it-teknoloġija u l-matematika (STEM subjects). F'xogħli ta' akkademiku fil-Mediċina u x-xjenza jien ser inkompli nuża l-kuntatti li ħloqt matul il-karriera tiegħi biex inkattar dal-qasam għall-ġid ta' pajjiżna u tax-xjentisti u mediċi Maltin kif ili nagħmel ma' diversi universitajiet ġo Londra, Southampton, Leicester u Sheffield.

Jiena servejt bħala konsulent mal-Prof. Anthony Serracino Inglott fl-awtorità Maltija tal-mediċini (MMA) speċjalment fiż-żmien il-pandemija u Brexit meta kienu qed isiru diskussjonijiet mal-'Medicines and Healthcare products Regulatory Agency' (MHRA) tar-Renju Unit u meta l-'European Medicines Agency' (EMA) traslokat għall-Olanda. Dan wassal biex mediċini llum iridu jiġu approvati separatament mill-EMA u l-MHRA b'inkonvenjent kbir u problemi riżultanti ta' provvista fuq iż-żewġ naħat. Dil-problema tkompli tikber meta wieħed jipprova jintroduċi mediċini ġodda. Fil-qasam tal-mediċini, iż-żewġ pajjiżi jimportaw u jesportaw lil xulxin kemm mediċini u anke materja prima mediċinali u dan kompla anke wara Brexit. Imma anke jekk hemm ċerta derogi fuq mediċini ta' neċessità kbira xorta waqfet l-importazzjoni ta' diversi mediċini speċjalment dawk li huma msejħa 'over the counter'. Peress li l-MMA għandha relazzjonijiet eċċellenti kemm mal-EMA u l-MHRA wieħed jista' jħares lejn il-possibilità li jlaqqa' liż-żewġ naħat, possibbilment f'Malta, biex isir sforz ta' armonizzazzjoni ta' registrazzjoni ta' mediċini u proċeduri fil-qasam tas-saħħa biex jingħelbu dawn id-diffikultajiet. Wieħed jista' wkoll jaħdem fuq possibbiltà li tinħoloq Commonwealth Medicines Agency li tkun tista' taqdi liż-żewġ pajjiżi rispettivament, fost oħrajn.

Linja oħra li wieħed jista' jesplora hija l-fatt li preżentement hemm kumpaniji farmaċewtiċi Indjani ġo Malta li jittestjaw 'batches' ta' mediċini ġeneriċi ta' kwalità ġejjin mill-Indja għal ġo swieq Ewropej. Peress li kemm Malta, l-Indja u r-Renju Unit huma membri tal-Commonwealth wieħed jista' jara jekk dal-ittestjar jistax jiġi rikonoxxut fir-Renju Unit u pajjiżi oħra tal-Commonwealth biex dawn il-mediċini jidħlu f'dan is-suq. Il-ħolqien ta' Commonwealth Medicines Agency tkun tista' tiffaċilita dan kollu. Din it-triq tista' tiftaħ mod kif jingħelbu ftit mill-problemi ta' reġistrazzjoni u provvista preżenti apparti milli din tista' tkun opportunità ta' qligħ finanzjarju għal pajjiżna.

5. Tara li hemm trattati li jistgħu jitħaddmu aħjar bejn iż-żewġ pajjiżi? Jew trattati oħra li għandhom jiġu esplorati għaż-żmien li ġej?

   L-iktar trattat importanti riċenti ġie ffirmat fl-10 ta' Frar 2023 u dan huwa l-'Bilateral co-operation framework agreement' bejn Malta u r-Renju Unit u dan sar biex iktar iżid l-armonija bejn iż-żewġ pajjiżi speċjalment fl-oqsma tal-politika barranija, sigurtà nazzjonali u difiża, kummerċ u investiment. Dan ikompli jsawwar ir-relazzjonijiet eċċellenti li hemm bejna u r-Renju Unit u wieħed irid jara x'vantaġġi ser joħorġu minn dan it-trattat u kif nistgħu nibbenefikaw minnu kemm nistgħu.

   Trattat ieħor li jolqot ħafna liż-żewġ pajjiżi huwa ovvjament it-'Trade & Co-operation Agreement' ta' Mejju 2021 bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit li jgħin mhux ftit biex jingħelbu ħafna mill-ostakli maħluqa minn Brexit għal kummerċ, servizzi u importazzjoni/esportazzjoni ta' oġġetti bejn iż-żewġ naħat. Dan flimkien mal-'Windsor Framework' iffirmat fi Frar tas-sena li għaddiet li ġie maħluq biex inaqqas il-formalitajiet fil-fruntiera bejn iż-żewġ Irlandi, ser jgħin biex jagħmilha iktar faċli għal pajjiżi bħal tagħna jirkupraw min-negozju li kellhom ma ditti Ingliżi qabel Brexit, speċjalment fil-qasam tal-ikel u tal-mediċini. Wieħed irid joqgħod attent għal 'post-Brexit border regime' li ġie implimentat minn Jannar ta' din is-sena fejn qed isir iktar sorveljanza fuq importazzjoni għal ġor-Renju Unit speċjalment fuq ħaxix u prodotti ġejjin minn annimali.

6. Kif tara li Malta u r-Renju Unit jistgħu jikkollabora fuq livell edukattiv? Tara li hemm lok fejn b'xogħlok bħala Kummissarju Għoli tkun tista' tħeġġeġ kollaborazzjoni f'dan is-settur?

   Dan huwa suġġett għal qalbi ħafna peress li jien kelli x'naqsam mhux ftit fih, kemm bħala student u anke fir-rwol tiegħi ta' viċi dekan tal-iskola Medika ta' Malta. Meta kont ħafna iżgħar jien irnexxieli nirbaħ żewġ boroż ta' studju mir-Renju Unit - Chevening Scholarship li għenitni meta kont qed nispeċjalizza fil-linja tiegħi fil-Mediċina ġor-'Royal Postgraduate Medical School' ġo Hammersmith Hospital f'Londra u Commonwealth Scholarship ġol-Università ta' Southampton fejn għamilt riċerka li wasslitni għall-Ph.D. Għalhekk, nista' napprezza l-għajnuna li jista' jagħti r-Renju Unit lil studenti Maltin. Dan għandna nkomplu nrawmuh.

   Bħala skola Medika aħna wkoll konna fi trattati ma' skejjel oħra tal-Mediċina Ingliżi bħal St. George's Medical School u Westminster University fost oħrajn, biex nikkollaboraw u naċċettaw studenti minn tagħhom biex jitgħallmu ġol-iskola rinomata tagħna, f'numri li ma jiżvantaġġjawx l-istudenti Maltin. Il-miżati li jħallsu jistgħu jiġu użati għall-ameljorament tal-faċilitajiet tagħna u għar-riċerka. Ħafna skejjel Mediċi mir-Renju Unit jibgħatu u jilqgħu studenti għal perjodi msejħin 'electives' fis-sajf fejn dawn l-istudenti jduqu l-ħajja ta' tabib f'ċirkustanzi ta' pajjiż ieħor. Dir-relazzjoni tajba wasslet biex Malta għandha l-unika 'foundation programme' barra r-Renju Unit fejn ix-xogħol ta' tobba ġodda ġo sptarijiet Maltin jiġi rikonoxxut mir-Renju Unit għal meta wħud minn dawn eventwalment jiddeċiedu li jridu jispeċjalizzaw ġor-Renju Unit. Dil-kollaborazzjoni waslet ukoll biex tobba Maltin jiġu aċċettati fl-livell 'postgraduate' bħala speċjalisti 'in-training' ġo sptarijiet Brittaniċi u mhux talli hekk imma li pajjiżna jsir ċentru internazzjonali fejn speċjalisti Maltin jeżaminaw tobba żgħar Maltin u barranin għal-eżamijiet kliniċi tar-Royal College of Physicians u tar-Royal College of Surgeons tar-Renju Unit.

   Jiena tajt eżempju ta' x'qed jiġri fil-linja tiegħi imma naf sew li affarijiet simili qed jiġru ġo fakultajiet u istuzzjonijiet oħra wkoll. Dan kollu jawgura sew biex inkomplu nrawmu r-riżultati eċċellenti miksuba s'issa f'dal-qasam importanti tal-Edukazzjoni li pajjiżna u l-istudenti tagħna jgawdu minnu tramite r-relazzjoni eċċellenti li għandna ma ħafna istituzzjonijiet edukattivi fir-Renju Unit. Beħsiebni naħdem qatigħ biex inkompli nkabbar il-benefiċċji li diġà qed trendi din l-istess relazzjoni.

7. Tista' telabora ftit iżjed fuq il-karriera tiegħek fi ħdan il-korp Diplomatiku u/jew il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin?

   Jien qatt ma kelli karigi diplomatiċi u/jew fi ħdan il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

8. Tista' tindika x'karigi għandek fil-preżent u jekk kemm-il darba tinħatar bħala Kummissarju Għoli hux se tkun qed iżżomm xi kariga minnhom?

   Preżentament jien impjegat fuq bażi 'part-time' bħala Professur, Kap Akkademiku tad-Dipartiment tal-Mediċina u Viċi Dekan tal-Iskola Medika Maltija fi ħdan il-Fakultà tal-Mediċina u Kirurġija tal-Università ta' Malta.

Jekk il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u r-Rettorat tal-Università ma joġġezzjonawx, jien nixtieq li nibqa' nagħti online lectures u tutorials lill-istudenti tal-Mediċina u nibqa' nissuperviżża studenti li qed jagħmlu Ph.D. u Masters fis-suġġetti tiegħi. Ma nħossx li dan ser ikun ta' ostaklu għax-xogħol tiegħi imma d-deċiżjoni nħalliha f'idejn il-ministeru u r-Rettorat.

9. Tista' tindika jekk għandekx xi attivitajiet kummerċjali? Jekk iva, tista' tindika jekk dawn l-attivitajiet kummerċjali jikkostitwixxux xi kunflitt ta' interess ma' din il-kariga prospettiva?

   Le, m'għandi l-ebda attività kummerċjali.

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

1. Kif tiddeskrivi r-rwol ta' Kummissarju Għoli għar-Renju Unit?

   Dan huwa rwol importanti ħafna għal Malta għax qiegħed fuq quddiem nett ta' kif jiġi pperċepit il-pajjiż u kulma jirrappreżenta f'għajnejn ir-Renju Unit. Għalhekk wieħed mill-ikbar dmirijiet importanti tal-Kummissarju Għoli hu li jibni u jżomm rabtiet diplomatiċi sodi u ottimi bejn iż-żewġ pajjiżi u jekk jinqalgħu xi diffikultajiet dawn jingħelbu u jiġu riżolti b'mod ekwu, ġust u diplomatiku. Min jieħu dil-kariga prestiġġjuża jrid jippromwovi lil Malta bl-aħjar mod possibbli biex iġib 'il quddiem il-prodotti u servizzi Maltin mal-kollegi Brittaniċi, speċjalment fl-oqsma tan-negozju, kummerċ, teknoloġija, investiment, servizzi finanzjarji, turiżmu eċċ.

   Il-Kummissarju Għoli jrid jirrappreżenta d-diaspora Maltija u Għawdxija ġor-Renju Unit li preżentament jgħoddu madwar 25,000 u 70,000 oħra ta' oriġini Maltija u Għawdxija. Dan apparti l-eluf li jżuru r-Renju Unit bħala turisti jew għal raġunijiet ta' kura u saħħa. Anke jekk dawn tal-aħħar jkunu hemm temporanjament irid ikollhom is-soljev li hemm min jgħinhom jekk ikunu f'diffikultà. L-amministrazzjoni tal-Kummissjoni hi wkoll responsabiltà tal-Kummissarju Għoli li jrid jagħmel ċert li din tkun faċilment disponibbli għal min għandu bżonnha u li timxi b'ċerta effiċjenza.

2. Fid-dawl tar-rwol importanti li għandu l-Kummissarju Għoli għar-Renju Unit tista' tindika x'passi beħsiebek tieħu sabiex jissaħħaħ fis-snin li ġejjin?

   Jekk jogħġobkom irreferu għar-risposta tiegħi għal mistoqsija numru 2 iktar 'il fuq.

3. X'preparazzjoni u formazzjoni għandek fi ħdan korp diplomatiku? Qatt ġejt assenjat ġewwa ambaxxata jew irċevejt xi forma ta' taħriġ fid-diplomazija?

   Anke jekk qatt ma ħdimt f'Ambaxxata, jien għamilt żewġ korsijiet 'online' mal-Università ta' Londra u l-iskola tal-istudji Orjentali u Afrikani (SOAS) fi ħdan l-Università ta' Londra fuq id-diplomazija globali u d- diplomazija globali fl-ambitu tal-Ġnus Magħquda.

4. Qatt kont involut f'negozjati, trattati jew f'dikjarazzjonijiet fl-interess ta' pajjiżna ma' pajjiżi oħra?

Jiena kont involut kemm-il darba f'negozjati fl-interess nazzjonali fl-ambitu akkademiku. Meta kien sar l-akbar studju epidemoloġiku fuq l-ażma u l-allerġiji fit-tfal l-'International Study on Asthma and other Allergic conditions in Childhood' (ISAAC), fejn ħadu sehem man-nofs miljun tifel u tifla minn madwar id-dinja kollha, jien ġejt magħżul bħala l-koordinatur reġjonali tar-reġjun tal-Mediterran tal-Lvant skont il-WHO. Kelli niltaqa' u ninnegozja biex diversi pajjiżi bħall-Kuwajt, l-Oman, l-Arabja Sawdita, l-Eġittu, is-Sirja, il-Libanu, l-Iran u Ċipru, fost oħrajn, jingħaqdu ma' Malta biex tinkiseb 'data' importanti fuq is-saħħa respiratorja u allerġika tat-tfal f'dan ir-reġjun. Anke jekk kien loġistikament diffiċli ħafna rnexxieli, wara ħafna negozjar diplomatiku, nirrekluta diversi universitajiet minn dawn il-pajjiżi msemmija, biex jipparteċipaw b'suċċess f'dan l-istudju tant importanti.

Iktar 'il fuq diġà semmejt kif innegozjajna ma' diversi skejjel Mediċi Brittaniċi biex ikollna studenti minn tagħhom jiġu jistudjaw Malta bi ħlas u li jaċċettaw tobba żgħar tagħna jmorru għal perjodu ta' taħriġ fl-isptarijiet speċjalizzati tagħhom.

Mexxejt ukoll b'suċċess negozjati mar-Royal College of Physicians (UK) biex Malta ssir ċentru internazzjonali tal-eżamijiet prestiġjużi tal-MRCP (UK) u li it-tobba Maltin ikunu l-uniċi fid-dinja li jistgħu jagħmlu dan l-eżami kliniku fl-istess sptar li jaħdmu fih. Dan kien speċjalment importanti fi żmien il-pandemija meta ħafna ċentri madwar id-dinja waqfu jiffunzjonaw, waqt li tagħna baqa' għaddej.

Negozjati oħra importanti li pparteċipajt fihom kienu fuq l-akkreditazzjoni tal-iskola Medika tagħna mal-assoċjazzjoni tal-iskejjel mediċi Ewropej (AMSE) u mal-aġenzija tal-akkreditazzjoni Ġermaniża (ASIN). B'sodisfazzjoni nista' ngħid li rnexxielna nilħqu il-livell meħtieġ biex issa aħna formalment rikonoxxuti mil-aqwa aġenziji li jakkreditaw skejjel mediċi madwar l-Ewropa.

5. Tista' tindika jekk fil-preżent għandekx attivitajiet kummerċjali? Tista' tindika jekk dawn humiex ser ikunu f'xi kunflitt f'każ li tiġi maħtur Kummissarju Għoli għar-Renju Unit?

   Le m'għandi l-ebda attività kummerċjali.

6. Tista' tindika jekk kontx impjegat mal-Istat Malti u, jekk iva, f'liema dipartiment/awtorità/entità?

   Sa tmintax-il xahar ilu kont naħdem bħala konsulent mediku mad-Dipartiment tas-Saħħa. Jien naħdem 'part-time' bħala Professur tal-Mediċina, Kap Akkademiku tad-Dipartiment tal-Mediċina u viċi Dekan tal-Fakultà tal-Mediċina u Kirurġija fi ħdan il-Università ta' Malta.

7. Tista' tindika jekk qatt kontx parti minn Segretarjat ta' Ministru jew Segretarju Parlamentari jew jekk ħdimtx fil-qrib tagħhom f'dawn l-aħħar snin?

   Le qatt ma kont.

8. Tista' tindika x'karigi tokkupa fil-preżent u liema minnhom beħsiebek iżomm f'każ li tiġi maħtur bħala Kummissarju Għoli għar-Renju Unit?

Jekk jogħġobkom irreferu għar-risposta tiegħi għal mistoqsija 8 iktar 'il fuq.

9. Tista' tiddikjara jekk għandekx xi kunflitt ta' interess f'din il-ħatra tiegħek?

   Niddikjara li m'għandi ebda kunflitt ta' interess f'din il-ħatra.

10. Tista' tiddikjara jekk għandekx passaport jew ċittadinanza ta' pajjiż ieħor?

   L-unika passaport u ċittadinanza li għandi huma dawk ta' Malta.